Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 119/2012

**Roberto Xerri**

**vs**

**Lindsay Borg Magro**

Il-Ġimgħa, 3 ta' Ġunju 2016

Permezz ta' rikors preżentat fit-2 ta' April 2012 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), Roberto Xerri talab li l-konvenuta tiġi kkundannatu tħallsu s-somma ta' €10,553.75 jew somma oħra verjuri rappreżentanti għamara, materjal mixtri bħal 'gypsum' u 'parquet' u diversi oġġetti oħra relatati ma' 'furnishings' u 'fittings' mixtrija u mħallsa minnu u li jinsabu ġewwa l-fond Oceanos Block A, Apartment 59 fi Triq it-Tamar, il-Qawra proprjeta' tal-intimata.

Bi tweġiba preżentata fit-22 ta' Mejju 2012 (fol. 8), il-konvenuta wieġbet:

1. jisimha Lindsay u mhux Lyndsay.

2. ma huwa minnu xejn li kien hemm xi rabta bejn il-partijiet kontendenti ghas-somma pretiża.

3. fi kwalunkwe każ l-attur irid jagħti rendikont dettaljat ta' kif ikkalkola l-ammont pretiż.

4. l-attur irid ifisser ghal liema għamara, materjal mixtri u diversi oġġetti qiegħed jirrreferi għalihom kif ukoll jesebixxi riċevuti u dokumenti oriġinali u awtentiċi li jiggustifikaw ir-referenzi ghas-somma u għal mobbli u mobilja indikati.

5. l-attur irid jispjega l-irċevuti oriġinali li għandu jippreżenta jekk huwa il-kaz u kif tali riċevuti ġew fil-pussess tar-rikorenti, ghal liema skop u ghal liema raguni dawn qieghed jabbinhom mal-konvenuta kif indikata anke jekk isimha ġie imnizzel skorrettament.

6. ma huwa minnu xejn li l-intimata ghandha tivversa xi somma lill-attur u fiċ-ċirkostanzi l-istess attur qed jigi miżmum responsabbli għad-danni kollha li qiegħda ssofri l-konvenuta, diġa' sofriet u għad tista' issofri inkluż il-ħrug abbużiv ta' mandat ta' Sekwestru illi b'qerq u bi sfida l-attur ottjena kontra l-intimata u li għamel lill-intimata ħsara kbira fejn jidħlu transazzjonijiet finanzjarji li hija obbligata legalment li tonora, apparti milli affettwa d-dħul finanzjarju fl-impieg li għandha bħala suldat fil-qawwiet Armati ta' Malta.

Il-konvenuta b'kontro-talba biex il-Qorti tikkundanna lill-attur iħallasha €19,639.59 jirrapprezentaw spejjeż u pagamenti dovuti lill-intimata/konvenuta ghal diversi kirjiet f'diversi lokalitajiet fejn il-partijiet hawn kontendenti kienu jikkoabitaw flimkien ghal ċirka tlett snin; kontijiet ta' dawl u ilma, affarijiet bazici tal-ikel, spejjeż kurrenti ghal ħtigijiet u manutenzjoni bażika; flus li ntilfu minħabba depożiti  b'tort unikament tal-istess attur; servizzi oħra ġenerici bħal tisjir, tindif u ħasil ta' hwejjeg tal-istess attur; attrezzaturi mwaħħla fir-residenza attwali proprjeta' tal-intimata/konvenuta, inkluż spejjeż għal diversi annimali li kienu domestikati mal-istess kontendenti; u danni oħra kkagunati flimkien ma' spejjeż oħra li jirrappreżentaw spejjeż imħallsa lil terzi persuni biex iġorru attrezzaturi ta' ħtiega ghar-residenza rispettiva tal-partijiet kontendenti meta dawn kienu għadhom jikkoabitaw flimkien; danni minħabba l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontriha.

Permezz ta' sentenza tal-4 ta' Ġunju 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) laqgħet it-talba tal-attur fl-ammont ta' €10,553.75; laqgħet il-kontro-talba tal-konvenuta fl-ammont ta'  €1,200 u għalhekk b'effett tat-tpaċija kkundannat lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' €9,353.75. Bl-ispejjeż 9/10 għall-konvenuta u 1/10 għall-attur.

Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza.  Is-sustanza tal-aggravju tagħha huwa li l-ewwel Qorti għamlet valutazzjoni żbaljata tal-fatti u l-konsegwenzi legali tagħhom.  Dan billi qieset il-fatti b'mod żbilanċjat b'mod li l-pretenzjonijiet tal-konvenuta jew ma ngħatawx piż inkella ma ngħatawx piż kif suppost; u applikat punti ta' dritt li ma kinux parti mill-kwistjoni bejn il-partijiet. Il-konvenuta talbet lill-qorti sabiex:

*".... tilqa' dan l-appell b'dana illi tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tal-4 ta' Gunju, 2014 fl-ismijiet fuq premessi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), billi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimata, tiċħad it-talba prinċipali tal-attur u tgħaddi biex tilqa' t-talba rikonvenzjonali tal-intimata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat jew f'dik il-miżura li din l-Onorabbli Qorti tħoss bħala ekwa u ġusta fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolari."*

L-attur ippreżenta risposta tal-appell li permezz tagħha ddefenda s-sentenza appellata.

Illi din il-kawża hija frott ta' relazzjoni bejn il-kontendenti li falliet. Tul dan il-perjodu ħallew lil xulxin diversi drabi u darba minnhom għamlu xahar mifrudin. Ir-relazzjoni, li damet madwar tlett snin, bdiet kmieni fis-sena 2009 u ftit wara l-partijiet bdew jgħixu flimkien, l-ewwel f'appartament mikri f'Wied-il-Għajn, imbagħad f'ieħor mikri f'Ta' Ġiorni. Fl-4 t'Ottubru 2010 il-konvenuta xtrat appartament il-Qawra. L-attur ħareġ ammont ta' flus għall-arredament ta' dan l-appartament u issa jridhom lura.

Illi fl-aggravju tagħha, l-appellanti tilmenta li:-

i) Dwar il-konkluzjoni tal-ewwel qorti li bejn il-kontendenti kien hemm għerusija. L-ewwel qorti qalet:

*"Issa fil-kaz in desamina d-danni li allegatament sofra l-attur huma dawk naxxenti minn ksur ta' għerusija..... M'hemmx dubju li sabiex parti titlob danni riżultanti minn ksur ta' relazzjoni jrid ikun hemm forma ta' relazzjoni li kienet ser twassal ghal żwieġ. F'dan il-każ dan mhux dubitat għaliex il-partijiet kienu jgħixu taħt saqaf wieħed ghal ċertu żmien konsiderevoli ta' tlett snin bħala miżżewġin, li saħansitra l-konvenuta bhala għarusa tal-attur kienet tmur ta spiss għand il-ġenituri tal-attur u saħansitra tiekol hemm u li l-attur kellu relazzjoni tajba ma' missier il-konvenuta kif stqarr hu stess."*

Din il-qorti tosserva:-

a. Għerusija tfisser wegħda ta' żwieġ. Fis-sentenza **Bernarda Caruana vs Giuseppe Borg** tat-13 ta' Mejju, 1952 (Volum XXXII.ii.433), il-Prim'Awla qalet:

   *"Biex ikun hemm gherusija mhux mehtieg li kien hemm kuntratt formali ta' gherusija, lanqas li kien gie moghti c-curkett. Kif lanqas ma huwa mehtieg li jkun hemm stipulazzjoni taz-zmien ghac-celebrazzjoni taz-zwieg, jew il-kunsens tal-genituri. Li hu mehtieg hija l-kapacita' tal-partijiet li jikkuntrattaw l-gherusija, jigifieri l-istess kapacita' biex jikkuntrattaw iz-zwieg."*

   Fl-istess sentenza intqal ukoll:

   *"Lanqas ma huma mehtiega, ghalhekk, la l-istipulazzjoni taz-zmien.... Mhux mehtiega l-istipulazzjoni taz-zmien, ghaliex l-gherusija tista' ssir, u ordinarjament issir, minghajr ebda prefissjoni ta' zmien ghaz-zwieg, u dan iz-zmien jigi stabbilit fil-kors tal-gherusija."*

Ovvjament irid ikun hemm ukoll il-promessa, li tigi accettata mill-parti l-ohra.

b. Il-fatt li l-partijiet għamlu tlett snin snin f'relazzjoni, ghexu flimkien u wkoll il-konvenuta kienet tmur id-dar tal-genituri tal-attur u tiekol hemm, m'hijiex prova biżżejjed li bejn il-kontendenti kien hemm wegħda ta' żwieg. Hu veru li l-konvenut xehed li dak li għamel kien: *".... bl-iskop illi r-relazzjoni eventwalment tevolvi f'xi haġa aktar konkreta"*, pero dan ma jfissirx li f'dak iż-żmien kien hemm għerusija. Saħansitra, quddiem l-ewwel qorti l-attur qatt ma qal jew argumenta li kien hemm għerusija. Fin-nota ta' sottomissjonijiet argumenta li bl-ispejjeż li għamel, seħħ arrikkiment favur il-konvenuta u li kienu jeżistu l-elementi tal-*actio de in rem verso* (fol. 270-271).

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżentat quddiem l-ewwel qorti, l-attrici qalet:

*"Minn evalwazzjoni tal-provi migbura, joħroġ car li l-allegati liberalitajiet li l-attur issa qed jitlob il-ħlas tagħhom mingħand il-konvenuta kienu soġġetti ghall-kondizzjoni tal-kontinwazzjoni tar-relazzjoni bejn il-partijiet u seħħew kontra l-projbizzjoni espressa tal-istess konvenuta. Ghalhekk, hu immorali u lleċitu li l-attur issa jitlob xi forma ta' ħlas għalihom meta l-bażi tal-liberalitajiet huma lleċiti."*

Il-qorti ma tara l-ebda illegalita' u lanqas ma temmen li l-ispejjeż saru kontra r-rieda tal-konvenuta. Ma kien hemm l-ebda illegalita' fir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti. M'hemmx dubju li l-attur kien qiegħed jara futur mal-konvenuta. Kien f'din l-ottika li għamel spejjeż fil-proprjeta tagħha. Il-qorti ma temminx li l-ispejjeż kienu semplici donazzjoni jew li kif qalet il-konvenuta li dawn l-ispejjez saru mill-attur *"... in return for me staying with him"*. Pjuttost il-qorti temmen li l-attur kien qiegħed jinvesti fil-futur tal-koppja. Jirriżulta li kienet il-konvenuta li minn jeddha għażlet li twaqqaf ir-relazzjoni[1]. Qalet li kienet imdejqa fir-relazzjoni u għalhekk ħadet id-deċiżjoni li twaqqafha u taqbad triq oħra. Kellha kull dritt tagħmel hekk. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-investiment li għamel l-attur jisfuma fix-xejn. Sfortunatament sal-lum il-pajjiż għadu jistenna lill-leġislatur sabiex igħaddi liġi li tirregola l-koabitazzjoni. Madankollu l-attur xorta għandu

[1] Fl-ewwel affidavit, il-konvenuta qalet: *"In February 2012 Mr Xerri went again abroad on a course and left me alone where I had time to think and understand that I could not stay anymore in the relationship where I was feeling totally unhappy."* (fol. 18).

rimedju ghall-ispejjeż li għamel fil-proprjeta tal-konvenuta. Jekk ikun mod iehor ikun ifisser li l-konvenuta titħalla tgawdi minn arrikkiment indebitu. Dan m'ghandux ikun (Artikolu 1028A tal-Kodici Civili).

(ii) l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut għall-kontro-talba meta eċċezzjonijiet ma kienx hemm.

Hu minnu li m'hemmx tweġiba ghar-rikonvenzjoni tal-konvenuta u fis-sentenza l-ewwel qorti qalet: *"u tichad l-eccezzjonijiet tal-attur ghal tali kontro-talba."* Jirriżulta li fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2012 id-difensur tal-attur talbet lill-qorti biex tawtorizza lill-attur jippreżenta tweġiba (fol. 94). Talba li ġiet miċħuda. Irrispettivament x'kienet qegħda taħseb il-ġudikant meta kienet qegħda tikteb is-sentenza, il-fatt li l-konvenut ma weġibx bil-miktub ma jfissirx li r-rikonvenzjoni kellha tintlaqa'. In-nuqqas ta' tweġiba m'hijiex ekwivalenti ghall-ammissjoni.

(iii) inkluża fil-kontro-talba tal-appellanti hemm pretenzjoni għal ħlas ta' serviġi li jikkonsistu fil-kontribuzzjoni tal-ispejjeż ordinarji tal-ħajja, u servizzi bħal tisjir u tindif.

Din il-Qorti taqbel taqbel perfettament mal-apprezzament u l-konkluzjoni li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti meta qalet:

*"Ma hemmx dubbju li l-kontendenti ghexu flimkien ghal perjodu ta' tlett snin u li effettivament it-tnejn li huma kienu jhallsu spejjez giornalieri. Apprezzament ta` din ix-xorta huwa rilevanti ghaliex jekk il-konvenuta pprestat servigi mhux bl-isperanza ta` hlas izda ghax kellha motivi ulterjuri ben diversi, allura d-discorso cambia e di molto. Jidher li jekk il-konvenuta sajret ghaliha u ghall-gharus taghha u dwar dan il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn ikollha dubju, l-attur ghamel xoghlijiet manwali fid-dar essendo handy man, zgur li ta' daqqa t'id kull meta kien hemm bzonn.*

*Jidher li l-partijiet it-tnejn kienu jahdmu fl-Armata u ghalhekk hafna mill-hin taghhom kien ikun barra d-dar molto piu' fir-rigward ta' l-attur li kellu wkoll xoghol iehor part time ta' handy man u in oltre jidher li kien ikun hu meta l-haddiema kienu jmorru jaghmlu x-xoghol fl-appartament taghha u kienu hsieb ix-xoghol li eventwalment sar a beneficcju esklussiv taghha. Ghalhekk ma jidhirx li effettivament il-konvenuta tatu xi servigi partikolari li ghandha tigi* kumpensata taghha. In oltre jirrizulta wkoll kif stqarret il-konvenuta stess li l-attur ghamel zmien twil barra minn Malta.

*Dan kollu jwassal lill-Qorti biex tiehu binarju illi filwaqt li taccetta li l-konvenuta setghet ikkontribwiet ghall-hajja ta' kuljum tal-attur zgur pero' li l-agir taghha ma jammontax ghal servigi fit-termini tal-ligi. Din il-linja ta` hsieb hija dettata mill-kawtela u l-prudenza li ghandhom ikunu prevalenti f`kawzi ta` din ix-xorta; u din tal-lum mhijiex eccezzjoni."*

Dak li setgħet għamlet il-konvenuta kien kollu minn jeddha fil-kors tar-relazzjoni mal-attur. M'hemmx dubju li jekk il-konvenuta għamlet lill-attur l-affarijiet li llum qegħda tippretendi li tigi kkumpensata għalihom, għamlithom minn jeddha

mingħajr intenzjoni li titħallas. Hi stess qalet: ***"L-affarijiet kollha li kont nagħmel miegħu għamilthom mill-qalbi ...."*** (fol. 132). Li kieku r-relazzjoni ġiet terminata mill-attur, il-qorti setgħet tasal għal konklużjoni differenti. Pero' dan m'huwiex il-każ. Saħansitra m'hemmx prova li fil-kors tar-relazzjoni l-appellanti qatt ippretendiet xi ħlas mingħand l-attur u wisq inqas wara li tterminat ir-relazzjoni, hlief wara li l-attur ippropona l-kawża. Tant hu hekk li qalet: *".... wara li qiegħed jitlob dak li mingħalija tani għax kien iħobbni u jirrispettani, qed* ***inħossni użata*** *u nemmen illi ħaqqni ta kemm il-darba għamel użu tal-affarijiet ġewwa dari."* (fol. 132). Kliem li jkompli jsaħħaħ il-fehma tal-qorti li l-pretensjoni tal-konvenuta twieldet **biss** b'reazzjoni ghal pretensjoni tal-attur.

(iv) l-Ewwel Qorti illikwidat, *arbitrio boni viri*, kumpens nominali ta' €1,200 għall-kera mħallas mill-appellanti meta in atti hemm provi li juru kemm kien l-ammont preċiż.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-konvenuta qalet li tippretendi mingħand l-attur il-ħlas ta' €1,293.75 bhala sehemu mill-kera tal-fond f'Marsascala, €1,050 bhala sehemu mill-kera tal-fond f'San Giljan, u €3,600 kumpens talli ghamel 18-il xahar ighix fil-fond proprjeta tal-konvenuta. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li fir-rigward:-

i. Tal-fond proprjeta tal-konvenuta, il-kontendenti kienu f'relazzjoni ma' xulxin u kienu qegħdin jikkoabitaw bil-kunsens ta' xulxin. M'hemmx prova li waqt ir-relazzjoni l-konvenuta qatt ippretendiet xi ħlas f'dan ir-rigward. M'għandux ikun li għaliex il-konvenuta minn jeddha tterminat dik ir-relazzjoni għaliex qalet li ma kinitx kuntenta u li qatt ma habbet lill-attur, tippretendi kumpens talli l-attur kien qiegħed igħix magħha fid-dar proprjeta tagħha. Aċċettatu f'dahru mingħajr ebda pretensjoni. M'għandux ikun li issa tivvinta tali pretensjoni biex tipprova tirribatti l-pretensjoni tal-attur.

ii. Tal-kirjiet tal-appartamenti gewwa Marsascala u Ta' Giorni, hawn ukoll il-qorti ma tarax li hemm bażi biex tillikwida xi ammonti iktar minn dak li llikwidat il-qorti. Fil-fehma tal-qorti l-konvenuta m'għandhiex jedd ghal tali ħlas. Kienet hi li liberament laqgħat lill-attur fl-appartamenti li kienet qegħda tikri. Fit-tieni affidavit qalet li kien l-attur li qabad u mar igħix għandha; *"Hadd ma staqsih jigi jghix ghandi specjalment meta kien ghadni kemm bdejt nikkonvivi ma' persuna ohra biex taghmilli*

*pajcir ghax kienet taf li nbaghti biex inwassal sal-kera ta' kull xahar."* Kieku l-kovenuta ma kellhiex il-pjaċir li tikkoabita mal-attur, ma kinitx ser tiftaħlu l-bieb ta' barra u ddum tlett snin tgħix miegħu.

M'hemmx prova li matul ir-relazzjoni qatt talbet lill-attur sabiex iħallas parti mill-kera. Għalkemm din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li kien hemm okkazzjonijiet meta l-attur ħallas il-kera, pero' ma jirriżultax li dan seħħ fuq insistenza tal-konvenuta. Ovvjament din il-qorti ma tistax tvarja dak li ddeċidiet l-ewwel qorti u li dwaru ma sarx appell, pero' m'hijiex disposta li tillikwida somma iktar minn €1,200 meqjus dak li għadu kemm ingħad.

**Għal dawn il-motivi filwaqt li ma taqbilx mal-konklużjoni tal-ewwel qorti li kien hemm għerusija bejn il-kontendenti, madankollu tiċħad it-talba tal-konvenuta bl-ispejjeż kollha kontra tagħha**.

Anthony Ellul